2. Bil-kontra ta' l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza, l-appellat eżamina b'mod żbaljat il-provi mressqa f'dak li jirrigwarda l-karattru distintiv miksub għal kull Stat Membru b'mod separat safejn dan jidher li jikser l-Artikolu 7(3) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, li jeżiġi karattru distintiv miksub permezz ta' użu fil-Komunità kollha. Dak li kellu jagħmel l-appellat — minflok ma jevalwa n-numru ta' Stati Membri — huwa li jeżamina l-provi pprovduti b'mod globali u jevalwa jekk dawn jifformawx stampa koerenti ta' użu f'żona ġeografika kbira biżżejjed matul perijodu twil biżżejjed qabel id-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (GU L 11, 1994, p. 1).

## Appell imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Novembru 2007 mir-Renju ta' l-Iżvezja kontra s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2007, fil-Kawża T-36/04: Association de la presse internationale a.s.b.l. (API) vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**(Kawża C-514/07 P)**

(2008/C 51/54)

*Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' l-Iżvezja (rappreżentanti: A. Falk u S. Johannesson, Legal Advisers)

*Parti l-oħra fil-kawża:* Association de la presse internationale a.s.b.l. (API) mill-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrent

— li tannulla t-tieni paragrafu tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2007, fil-Kawża T-36/04;

— li tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Novembru 2003 fl-intier tagħha, b'mod konformi mat-talbiet ta' l-API quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, u b'hekk ukoll fir-rigward ta' l-aċċess miċħud għan-noti ppreżentati mill-Kummissjoni fis-sentenza Honeywell vs Il-Kummissjoni (T-209/01), is-sentenza General Electric vs Il-Kummissjoni (T-210/01) u s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-203/03), u

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

1. Permezz tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat id-dritt Komunitarju b'mod żbaljat, billi naqset milli tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fl-intier tagħha.

2. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal--Kunsill (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]), l-istituzzjonijiet għandhom l-obbligu li jevalwaw jekk l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti jkunx b'mod speċifiku u konkret ta' ħsara għal interess protett minn eċċezzjoni. Huwa biss f'dan il-każ li eċċezzjoni tista' tkun bażi ta' rifjut li document jiġi żvelat. Dan l-eżami għandu jsir fir-rigward ta' kull dokument individwali. Ir-rikorrent jaqbel ma' din il-konklużjoni.

3. Madankollu, min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li proprju f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tagħmel dan l-eżami, b'referenza għall-fatt li jeżisti rekwiżit ġenerali ta' kunfidenzjalità għal dokumenti ppreżentati f'każijiet pendenti sakemm tkun saret il-proċedura orali tal-kawża. Dan ir-rekwiżit ġenerali ta' kunfidenzjalità huwa minn naħa bbażat fuq id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali, u min-naħa l-oħra fuq il-fatt li l-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tiddefendi l-interessi tagħha bħala parti fil-proċedura. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni ma għamlitx evalwazzjoni żbaljata meta ċaħdet l-aċċess għad-dokumenti ppreżentati.

4. Skond ir-rikorrent, l-aħħar deċiżjoni mhiex kumpatibbli ma' l-obbligu li tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' l-iżvelar tad-dokumenti b'referenza għall-kontenut tad-dokument speċifiku. B'hekk, permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat id-dritt Komunitarju b'mod żbaljat.

([1]) ĠU L 145, p. 43.

## Rikors imressaq fit-30 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

**(Kawża C-535/07)**

(2008/C 51/55)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: R. Sauer u D. Recchia, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

### Talbiet tal-partijiet rikorrenti

— Tiddikjara li, billi naqset

(a) milli tindika jew tistabbilixxi l-limiti skond kriterji ornitoloġiċi ("*Hansag*" fil-provinċja ta' Burgenland u "*Niedere Tauern*" fil-provinċja ta' Steiermark rispettivament)